



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 204/23

il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-488/21 | Chief Appeals Officer *et*

Moviment liberu : l-omm ta' ħaddiem migrant tal-Unjoni tista', peress li tkun dipendenti fuq dan il-ħaddiem, tapplika għal benefiċċju ta' assistenza soċjali mingħajr ma din l-applikazzjoni tippreġudika d-dritt ta' residenza tagħha

Axxendent dirett dipendenti fuq ħaddiem li jkun ċittadin tal-Unjoni jikkostitwixxi benefiċjarju indirett tal-ugwaljanza fit-trattament li għandha tingħata lil dan il-ħaddiem. Leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti r-rifjut tal-għoti ta' benefiċċju ta' assistenza soċjali lil tali axxendent dirett tmur kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

Ċittadina Rumena hija l-omm ta' ċittadina, ta' nazzjonalità Rumena u Irlandiża, li tirrisjedi u taħdem fl-Irlanda. L-omm ingħaqdet ma' bintha fl-Irlanda fl-2017 u minn din is-sena tirrisjedi legalment hemmhekk, bħala axxendent dirett dipendenti fuq ħaddiem li hija ċittadina tal-Unjoni. Matul l-2017, l-istat ta' saħħa tal-omm marret lura minħabba l-artrite tagħha. Konsegwentement, hija applikat għal allowance tal-invalidità fuq il-bażi tad-dritt Irlandiż. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda minħabba li, li kieku kellha tingħatalha din l-allowance, l-omm ma tibqax dipendenti fuq bintha, iżda ssir piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali Irlandiża u, għaldaqstant, tiflew id-dritt ta' residenza tagħha. Qorti Irlandiża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni kienx jipprekludi tali rifjut.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġislazzjoni li tippermetti r-rifjut tal-għoti ta' benefiċċju ta' assistenza soċjali lil axxendent dirett, dipendenti fuq ħaddiem li jkun ċittadin tal-Unjoni, jew li saħansitra tippermetti l-irtirar tad-dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur tiegħu minħabba li l-għoti tal-benefiċċju jkollu l-effett li dan il-membri tal-familja ma jibqax iktar dipendenti fuq dan il-ħaddiem migrant u jsir għalhekk piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali.

Axxendent dirett, dipendenti fuq ħaddiem li huwa ċittadin tal-Unjoni, huwa benefiċjarju indirett tal-ugwaljanza fit-trattament mogħtija lil dan il-ħaddiem. Li dan l-axxendent dirett ma jingħatax benefiċċju ta' assistenza soċjali, li jikkostitwixxi għall-ħaddiem migrant "vantaġġ soċjali", jagħti lok għal ksur tal-ugwaljanza fit-trattament ta' dan il-ħaddiem migrant. Il-kwalità ta' axxendent "dipendenti" ma għandhiex tkun affettwata mill-għoti ta' benefiċċju ta' assistenza soċjali fl-Istat Membru ospitanti. Inkella, l-għoti ta' tali benefiċċju jista' jwassal għat-telf mill-persuna kkonċernata tal-kwalità tagħha ta' membru tal-familja dipendenti u jiġġustifika, konsegwentement, l-irtirar ta' dan il-benefiċċju, jew saħansitra t-telf minnha tad-dritt tar-residenza tagħha. Fil-prattika, tali soluzzjoni tkun tipprekludi lil dan il-membri tal-familja dipendenti milli japplika għal dan il-benefiċċju.

Peress li l-ħaddiem migrant iħallas taxxi lill-Istat Membru ospitanti fil-kuntest tal-impjieg tiegħu, huwa jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-politiki soċjali ta' dan l-Istat Membru. Konsegwentement, huwa għandu jibbenefika minnhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-ħaddiem nazzjonali. Għaldaqstant, l-għan li jiġi evitat piż finanzjarju mhux raġonevoli għall-Istat Membru ospitanti ma jistax jiġġustifika inugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiem migranti u l-ħaddiem nazzjonali.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

